

# Evidenza tal-Konnessjoni Bejn l-Edukazzjoni Inkluživa u l-Inklużjoni Soċjali

## Rapport Sommarju Finali

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# EVIDENZA TAL-KONNESSJONI BEJN L-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA U L-INKLUŻJONI SOĊJALI

Rapport Sommarju Finali

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma. L-Aġenzija hija kofinanzjata mill-ministeri tal-edukazzjoni fil-pajjiżi membri tagħha u mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' għotja operattiva fil-programm tal-edukazzjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) Erasmus+ (2014-2020).

Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+

Is-sostenn tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix l-approvazzjoni tal-kontenut li jirrifletti l-fehmiet tal-awturi biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li hemm fiha.

Il-fehmiet espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-fehmiet uffiċjali tal-Aġenzija, il-pajjiżi membri tagħha jew il-Kummissjoni.

Editur: Simoni Symeonidou

Estratti mid-dokument huma permessi sakemm issir referenza ċara għas-sors. Referenza għal dan ir-rapport għandha ssir kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2018. *Evidenza tal-Konnessjoni Bejn l-Edukazzjoni Inklużiva u l-Inklużjoni Soċjali: Rapport Sommarju Finali*. (S. Symeonidou, ed.). Odense, id-Danimarka

Bil-għan li tinkiseb aċċessibbiltà ikbar, dan ir-rapport huwa disponibbli f'25 lingwa u huwa f'format elettroniku aċċessibbli fuq il-websajt tal-Aġenzija: www.european-agency.org

Din hija traduzzjoni ta' test oriġinali bl-Ingliż. Fil-każ ta' dubju dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni fit-traduzzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-test oriġinali bl-Ingliż.

ISBN: 978-87-7110-762-3 (Elettroniku)

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2018**

Segretarjat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

# WERREJ


| | |
|---|---|
| INTRODUZZJONI | 5 |
| SEJBIET | 6 |
| Edukazzjoni | 7 |
| Impjieg | 8 |
| L-għajxien fil-komunità | 9 |
| IL-MESSAĠĠI U L-KUNSIDERAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-POLICIES | 10 |



# INTRODUZZJONI

Il-letteratura akkademika frekwentement tenfasizza l-konnessjoni bejn l-edukazzjoni inkluża u l-inklużjoni soċjali bħala kwistjoni importanti, fir-riċerka li tesplora jew l-edukazzjoni inklużiva jew inkella l-inklużjoni soċjali. Ir-riċerka li teżamina l-konnessjoni bejn l-edukazzjoni inklużiva u l-inklużjoni soċjali teżisti wkoll, għalkemm din hija limitata. Din ir-riċerka ħafna drabi titwettaq fid-dixxiplini minbarra l-edukazzjoni inklużiva, bħas-soċjoloġija u l-psikoloġija. Dan jista' jipprevjeni l-istakeholders tal-edukazzjoni inklużiva milli jkunu informati dwar u jużaw l-evidenza tar-riċerka għall-benefiċċju tal-persuni b'diżabilità.

Fid-dawl ta' dak imsemmi, twettqet reviżjoni tal-letteratura biex tiġi eżaminata l-konnessjoni bejn l-edukazzjoni inklużiva u l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabilità. B'mod partikolari, ir-reviżjoni kienet iggwidata minn żewġ mistoqsijiet ta' riċerka:

- X'inhi l-konnessjoni bejn l-edukazzjoni inklużiva u l-inklużjoni soċjali?
- Xi tgħid ir-riċerka kurrenti dwar il-potenzjal tal-edukazzjoni inklużiva bħala għodda għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali?

Ir-reviżjoni kienet tikkonċerna kemm l-inklużjoni soċjali fuq perjodu ta' żmien qasir (jiġifieri l-perjodu meta t-tfal jattendu l-iskola) kif ukoll fuq perjodu ta' żmien twil (jiġifieri meta l-persuni b'diżabilità jispiċċaw l-iskola obbligatorja). Din iffokat fuq tliet oqsma – l-edukazzjoni, l-impjieg u l-għajxien fil-komunità – u fittxet evidenza minn sett ta' data ta' studji biex issib spjegazzjoni għal kif l-edukazzjoni inklużiva hija konnessa mal-inklużjoni soċjali. Il-letteratura ta' sfond tħares lejn l-impatt tal-edukazzjoni inklużiva fuq l-inklużjoni soċjali, billi teżamina l-oqsma tal-edukazzjoni, l-impjieg u l-għajxien fil-komunità. Rapporti ppubblikati minn organizzazzjonijiet internazzjonali, bħan-Nazzonijiet Uniti, l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, u organizzazzjonijiet/netwerks oħrajn ukoll jeżaminaw dan.

Dak li r-reviżjoni ġġib lil-letteratura dwar l-edukazzjoni inklużiva huwa approċċ strutturat għall-eżaminazzjoni ta' numru sinifikanti ta' studji dwar is-suġġett. Is-sejbiet ewlenin tagħha ġejjin minn sintesi tal-evidenza tar-riċerka. Din tixhed dawl fuq aspetti differenti tal-inklużjoni soċjali fuq perjodu ta' żmien qasir u twil ta' persuni b'diżabilità fit-tliet oqsma kollha (l-edukazzjoni, l-impjieg u l-għajxien fil-komunità).

Ir-reviżjoni hija mistennija li tkun utli għall-istakeholders tal-edukazzjoni differenti u fil-livelli differenti. B'mod partikolari, reviżjoni tal-letteratura li turi l-evidenza tal-impatt tal-edukazzjoni inklużiva fuq l-inklużjoni soċjali tista' tkun utli għal min ifassal il-politika li jixtieq jiżviluppa policies msejsin fuq l-evidenza relatati mal-edukazzjoni inklużiva. Fuq livell ieħor, ir-reviżjoni hija mistennija li tikkontribwixxi għat-teorija tal-edukazzjoni inklużiva. Se tagħmel dan billi tipprovdi evidenza li l-konnessjoni bejn l-edukazzjoni inklużiva u l-inklużjoni soċjali hija rilevanti għall-kwalità tal-proviżjoni tal-edukazzjoni inklużiva, l-istrutturi ta' tranżizzjoni u l-policy soċjali (eż policies li jsostnu l-impjieg ta' persuni b'diżabilità, policies dwar l-għajxien indipendenti, policies għall-aċċessibbiltà fl-ambjent mibni). Ir-reviżjoni tipprovdi wkoll evidenza li tissuġġerixxi iktar oqsma ta' riċerka (b'mod speċjali fil-pajjiżi Ewropej).

Ir-rapport sommarju finali jiddeskrivi s-sejbiet ewlenin tar-reviżjoni tal-letteratura u jippreżenta l-messaġġi u l-kunsiderazzjonijiet tal-policies ewlenin. Ir-reviżjoni tal-letteratura sħiħa hija disponibbli f'format stampat u elettroniku fuq il-websajt tal-Aġenzija.[1]

# SEJBIET

Is-sejbiet tar-reviżjoni jissuġġerixxu li hemm konnessjoni bejn l-edukazzjoni inklużiva u l-inklużjoni soċjali fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-impjieg u l-għajxien fil-komunità. Fl-istess ħin, fatturi oħrajn jidhru li jippromwovu jew jostakolaw l-inklużjoni soċjali. Dawn jinkludu l-kwalità tal-prattika inklużiva, il-policy soċjali, l-istrutturi u l-attitudnijiet soċjali, il-kors tal-ħajja individwali, u affarijiet oħra. L-evidenza tar-riċerka ppreżentata fir-reviżjoni tissuġġerixxi li l-attendenza ta' ambjenti segregati tnaqqas l-opportunitajiet għall-inklużjoni soċjali kemm fuq perjodu ta' żmien qasir (waqt li t-tfal b'diżabilità jkunu fl-iskola) kif ukoll fuq perjodu ta' żmien twil (wara li jiggradwaw mill-edukazzjoni sekondarja). L-attendenza ta' ambjent speċjali hija korrelatata ma' kwalifiki akkademiċi u vokazzjonali baxxi, impjieg f'workshops protetti, dipendenza finanzjarja, inqas opportunitajiet għal għajxien indipendenti, u netwerks soċjali fqar wara l-gradwazzjoni. F'dan il-kuntest, min ifassal il-politika jista' jikkunsidra kif jista' jfassal mill-ġdid il-proviżjoni ta' speċjalisti li hija disponibbli f'diversi pajjiżi sabiex jingħata sostenn għal tagħlim f'ambjenti ta' edukazzjoni inklużiva.

[1] L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2018. *Evidence of the Link Between Inclusive Education and Social Inclusion: A Review of the Literature [Evidenza tal-Konnessjoni Bejn l-Edukazzjoni Inklużiva u l-Inklużjoni Soċjali: Reviżjoni tal-Letteratura]*. (S. Symeonidou, ed.). Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/resources/publications/evidence-literature-review**

Is-sejbiet ewlenin tar-reviżjoni tal-letteratura huma mogħtija fil-qosor hawn taħt. Dawn huma maqsumin fi tliet sottotaqsimiet: l-edukazzjoni, l-impjieg u l-għajxien fil-komunità.

## Edukazzjoni

Is-sejbiet tar-reviżjoni dwar il-konnessjoni bejn l-edukazzjoni inklużiva u l-inklużjoni soċjali fl-edukazzjoni obbligatorja u fl-edukazzjoni ogħla jindikaw li:

- **L-edukazzjoni inklużiva żżid l-opportunitajiet għal interazzjonijiet bejn il-pari u l-formazzjoni ta' sħubiji mill-qrib bejn l-istudenti b'diżabilità u dawk mingħajr diżabilità**. Għalkemm ir-relazzjonijiet soċjali huma kumplessi biex jiġu mkejla, l-interazzjonijiet soċjali li jseħħu f'ambjent inklużiv huma prerekwiżit għall-iżvilupp ta' sħubiji, ħiliet soċjali u tal-komunikazzjoni, netwerks ta' sostenn, sens ta' appartenenza, u outcomes ta' imġiba pożittivi.

- **Sabiex l-interazzjonijiet soċjali u s-sħubiji jseħħu f'ambjent inklużiv, għandha tingħata l-attenzjoni dovuta lil diversi elementi li jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-istudenti (jiġifieri l-aċċess, il-kollaborazzjoni, ir-rikonoxximent u l-aċċettazzjoni)**. Il-ksib tal-inklużjoni soċjali tal-istudenti b'diżabilità f'ambjenti inklużivi jiddependi fuq iż-żieda fil-parteċipazzjoni fl-oqsma kollha, fost l-istakeholders kollha (jiġifieri l-impjegati, l-għalliema u l-ġenituri) u fil-livell kollha (jiġifieri tal-policy u l-prattika tal-iskola, il-kultura tal-iskola). L-inklużjoni soċjali tal-istudenti b'diżabilità ma tinkisibx meta l-parteċipazzjoni tagħhom hija ostakolata minħabba attitudnijiet negattivi lejn id-diżabilità u strutturi ta' skola esklużjonarji (eż. b'aċċessibbiltà limitata, nuqqas ta' flessibbiltà, l-eżenzjoni minn suġġetti li huma meqjusin bħala "diffiċli").

- **L-istudenti b'diżabilità edukati f'ambjent inklużiv jista' jkollhom prestazzjoni akkademika u soċjali li hija aħjar minn dik ta' studenti edukati f'ambjent segregat**. Il-kisba akkademika u soċjali tal-istudenti hija promossa meta jkun hemm fis-seħħ policies u prattiki li huma verament inklużivi, meta jkun hemm kultura tal-iskola inklużiva u għalliema li jsegwu l-pedagoġija inklużiva.

- **L-attendenza u r-riċeviment ta' sostenn f'ambjent ta' edukazzjoni inklużiva jżid il-probabbiltà ta' reġistrazzjoni fl-edukazzjoni ogħla**. Il-konnessjoni bejn l-edukazzjoni inklużiva u r-reġistrazzjoni fl-edukazzjoni ogħla tiddependi fuq l-ippjanar ta' tranżizzjoni effettiva li tibda mill-iskola sekondarja u tinvolvi l-komunità. Numru ta' fatturi jaġixxu bħala xkiel għar-reġistrazzjoni fl-edukazzjoni ogħla, pereżempju: in-nuqqas ta' flus,

għajnuna mhux adegwata bl-applikazzjonijiet, nuqqas ta' identifikazzjoni tal-akkomodazzjonijiet li huma meħtieġa, nuqqas ta' aċċess għal materjal tal-korsijiet xieraq, u pjanijiet ta' tranżizzjoni ta' kwalità baxxa.

## Impjieg

Is-sejbiet tar-reviżjoni fuq il-konnessjoni bejn l-edukazzjoni inklużiva u l-impjieg jindikaw li:

- **L-attendenza ta' ambjent ta' edukazzjoni inklużiva huwa wieħed mill-fatturi li jżid il-probabbiltà li l-persuni b'diżabilità jsibu impjieg**. Minbarra l-edukazzjoni, l-opportunitajiet ta' impjieg għal persuni b'diżabilità huma influwenzati minn numru ta' fatturi soċjali, bħall-policy, is-suq lokali, in-netwerks ta' impjieg, l-attitudnijiet tal-impjegaturi, u strutturi ta' impjieg aċċessibbli.

- **In-natura tal-kurrikulu tista' jew tillimita jew inkella żżid l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ b'diżabilità biex isibu impjieg**. L-assigurazzjoni tal-aċċess fil-kurrikulu twassal għal kwalifiki akkademiċi u vokazzjonali li jżidu l-opportunitajiet tal-impjieg. Forom ta' kurrikulu "speċjali", adottati jew imfassla esklussivament għal adolexxenti b'diżabilità, jistgħu jillimitaw l-opportunitajiet ta' impjieg.

- **Programmi ta' tranżizzjoni ta' kwalità għolja pprovduti fl-iskola sekondarja jistgħu jżidu l-probabbiltà li l-persuni b'diżabilità jsibu impjieg**. Huma maħsub li l-programmi ta' tranżizzjoni bbażati fuq il-komunità li jseħħu fl-iskejjel sekondarji huma iktar effettivi biex jassiguraw impjieg milli programmi ta' tranżizzjoni bbażati fuq l-iskejjel. Il-programmi ta' tranżizzjoni li huma qosra u li huma implimentati minn għalliema speċjalizzati mingħajr l-involviment ta' għalliema tal-klassi tradizzjonali jillimitaw l-opportunitajiet għall-impjieg fis-suq miftuħ tax-xogħol.

- **Li wieħed ikun edukat f'ambjent ta' edukazzjoni inklużiva jista' jinfluwenza t-tip ta' impjieg (jiġifieri impjieg protett, impjieg b'sostenn, impjieg miftuħ u impjieg indipendenti) ta' persuni b'diżabilità**. Li wieħed ikun edukat f'ambjent segregat huwa assoċjat mal-iżgurar ta' impjieg f'workshops protetti (li wieħed jista' jargumenta jikkontribwixxu għall-iżolament akar milli għall-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabilità). Li wieħed ikun edukat f'ambjent inklużiv iwassal għal kwalifiki u ħiliet akkademiċi u vokazzjonali li jżidu l-probabbiltà li wieħed jagħżel forom oħra ta' impjieg, bħal impjieg b'sostenn, impjieg miftuħ u impjieg indipendenti.

## L-għajxien fil-komunità

Għall-finijiet tar-reviżjoni, l-għajxien fil-komunità jirreferi għall-għajxien indipendenti, li wieħed ikun finanzjarjament indipendenti, ikollu ħbiberiji u netwerks soċjali, u jipparteċipa f'attivitajiet rikreattivi. Is-sejbiet tar-reviżjoni fuq il-konnessjoni bejn l-edukazzjoni inklużiva u l-għajxien fil-komunità jindikaw li:

- **Il-policies tal-edukazzjoni u tal-assistenza soċjali huma żewġ fatturi interkonnessi fil-kisba tal-għajxien indipendenti**. L-edukazzjoni inklużiva hija wieħed mill-fatturi li jżid l-opportunitajiet għall-għajxien indipendenti. L-edukazzjoni fqira fl-iskejjel mainstream, flimkien ma' policies ta' assistenza soċjali dgħajfa, jnaqqsu l-probabbiltà ta' għajxien indipendenti.

- **Iż-żgħażagħ b'diżabilità li jattendu ambjenti ta' edukazzjoni inklużiva huma aktar probabbli li jkunu finanzjarjament indipendenti ftit wara li jiggradwaw mill-edukazzjoni sekondarja**. L-impatt tal-edukazzjoni inklużiva fuq l-indipendenza finanzjarja jonqos maż-żmien mill-gradwazzjoni minħabba firxa ta' fatturi li jinfluwenzaw il-kors tal-ħajja tal-persuna. Dan jista' jwassal għal dipendenza fuq id-dħul mis-sigurtà soċjali.

- **Iż-żgħażagħ b'diżabilità li jattendu ambjenti segregati huwa inqas probabbli li jkollhom sħubiji u netwerks soċjali fil-ħajja adulta tagħhom**. Mas-snin, in-netwerks soċjali ta' persuni b'diżabilità jinbidlu minħabba preferenzi individwali u trajettorji tal-kors tal-ħajja differenti u l-impatt negattiv tal-klassijiet speċjali huwa inqas evidenti.

- **Li tkun edukat f'ambjent inkluživ huwa wieħed mill-fatturi li jżid l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni f'attivitajiet rikreattivi. Li tkun edukat f'ambjent segregat jaġixxi bħala xkiel għall-parteċipazzjoni**. Madankollu, il-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà f'attivitajiet rikreattivi teħtieġ tkun interpretata b'kawtela, għaliex kultant ir-rikreazzjoni hija mqabbla ma' preżenza jew terapija fiżika, u dan ma jwassalx għas-sodisfazzjoni tal-persuni involuti.

# IL-MESSAĠĠI U L-KUNSIDERAZZJONIJIET PRINĊIPALI TAL-POLICIES

Fid-dawl tas-sejbiet ewlenin tar-reviżjoni, min ifassal il-politika jista’ jikkunsidra l-iżvilupp ta’ policies msejsin fuq l-evidenza li għandhom l-għan li jtejbu l-inklużjoni soċjali ta’ persuni b’diżabiltà matul il-kors ta’ ħajjithom. Din it-taqsima tippreżenta l-messaġġi u l-kunsiderazzjonijiet prinċipali tal-policies li jirriżultaw mir-reviżjoni.

- Minbarra r-rappreżentanza Ewropea u internazzjonali għaċ-ċaqliq lejn sistemi ta’ edukazzjoni inklużiva, ir-reviżjoni tipprovdi lil min ifassal il-politika b’evidenza ta’ riċerka dwar l-impatt pożittiv tal-edukazzjoni inklużiva fuq l-inklużjoni soċjali. Barra dan, ir-reviżjoni tenfasizza li l-policies li jaraw l-edukazzjoni inklużiva bħala sempliċement kollokament fl-iskejjel mainstream jostakolaw il-parteċipazzjoni tal-istudenti b’diżabbiltà, u b’hekk ma jwasslux għall-inklużjoni soċjali. Sabiex l-edukazzjoni inklużiva jkollha impatt fuq l-inklużjoni soċjali, huwa neċessarju li jiġi żgurat, permezz tal-policy u l-prattika, li l-istudenti b’diżabbiltà jipparteċipaw fuq termini ugwali mal-istudenti mingħajr diżabbiltà fl-aspetti kollha tal-edukazzjoni skolastika (eż it-tagħlim, il-logħob, l-aċċess għaż-żoni u l-attivitajiet kollha tal-iskola, eċċ). Barra dan, il-policy, ir-regolamenti sussegwenti u l-istandards tal-assigurazzjoni ta’ kwalità jeħtieġu jagħmluha ċara li, fis-sistemi tal-edukazzjoni inklużiva, kemm il-kisbiet akkademiċi kif ukoll dawk soċjali huma ta’ interess.



• Min ifassal il-politika għandu jikkunsidra kif il-policy tista' tirregola l-aħjar it-tranżizzjonijiet minn sistema waħda għal oħra, u minn perjodu tal-ħajja wieħed għal ieħor sabiex jinżammu jew jiżdiedu l-opportunitajiet ta' inklużjoni soċjali. Pereżempju, ir-reviżjoni tissuġġerixxi li l-edukazzjoni inklużiva żżid il-probabbiltà ta' reġistrazzjoni fl-edukazzjoni ogħla. Madankollu, fl-istess ħin, varjabbli oħrajn, bħan-nuqqas ta' gwida u pjanijiet ta' tranżizzjoni, jistgħu jaġixxu bħala xkiel. Bl-istess mod, ir-reviżjoni tissuġġerixxi li l-edukazzjoni inklużiva żżid il-probabbiltà li wieħed ikollu impjieg imħallas fis-suq miftuħ tax-xogħol. Madankollu, fatturi oħrajn, bħall-policy u ambjenti tal-impjieg inaċċessibbli, jaġixxu bħala xkiel. F'dawn u każijiet oħrajn, min ifassal il-politika jeħtieġ jikkunsidra kif jiżgura li l-investiment li jsir fl-edukazzjoni inklużiva jkun apprezzat minn policies oħrajn li jaffettwaw lill-persuni b'diżabbiltà meta dawn jikbru.

• Kwistjoni oħra għal kunsiderazzjoni relatata mal-policy hija kif jista' jittawwal l-impatt pożittiv tal-edukazzjoni inklużiva. Ir-reviżjoni ssuġġeriet li, għalkemm l-edukazzjoni inklużiva għandha effett pożittiv fuq l-impjieg u l-indipendenza finanzjarja ftit wara l-gradwazzjoni mill-iskola sekondarja, l-impatt jonqos maż-żmien wara l-gradwazzjoni. Jista' jiġi argumentat li dan huwa r-riżultat ta' fatturi personali differenti, bħat-trajettorja tal-ħajja ta' persuna, inċidenti u mard possibbli, il-kundizzjonijiet familjali, u oħrajn. Madankollu, il-policy tista' tikkunsidra kif tkompli tippromwovi l-inklużjoni soċjali ta' persuni b'diżabbiltà permezz tal-impjieg meta dawn jikbru u jsiru grupp fir-riskju.

• Min ifassal il-politika jista' jikkunsidra kif jerġa' jfassal il-proviżjoni ta' speċjalisti li hija disponibbli f'diversi pajjiżi sabiex jingħata sostenn għal tagħlim f'ambjenti ta' edukazzjoni inklużiva. L-evidenza tar-riċerka ppreżentata fir-reviżjoni tissuġġerixxi li l-attendenza ta' ambjenti segregati tnaqqas l-opportunitajiet għall-inklużjoni soċjali kemm fuq perjodu ta' żmien qasir (waqt li t-tfal b'diżabilità jkunu fl-iskola) kif ukoll fuq perjodu ta' żmien twil (wara li jiggradwaw mill-edukazzjoni sekondarja). L-attendenza ta' ambjent speċjali hija korrelatata ma' kwalifiki akkademiċi u vokazzjonali baxxi, impjieg f'workshops protetti, dipendenza finanzjarja, inqas opportunitajiet għal għajxien indipendenti, u netwerks soċjali fqar wara l-gradwazzjoni.

Riċerka ulterjuri tista' tkompli tesplora l-esperjenzi tal-istudenti matul il-ħajja skolastika tagħhom f'kuntesti differenti, il-policy u l-prattika tal-iskola, strutturi/programmi li jiżguraw it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg u l-għajxien fil-komunità. Riċerka bħal din għandha tixħed dawl fuq il-varjabbli li jagħmlu l-inklużjoni soċjali possibbli. Studji lonġitudinali huma importanti wkoll biex jindirizzaw il-konnessjoni bejn l-edukazzjoni

inklużiva u l-inklużjoni soċjali fit-tliet oqsma kollha (l-edukazzjoni, l-impjieg, u l-għajxien fil-komunità). Studji bħal dawn jistgħu jkomplu jenfasizzaw kif il-policy tal-edukazzjoni inklużiva u policies oħra (eż. il-policy soċjali, il-policy tal-impjieg) jippromwovu jew jostakolaw l-inklużjoni soċjali f'kuntesti differenti.



Segretarjat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta’ Brussell:

Rue Montoyer 21
BE-1000
Brussels
Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

www.european-agency.org

MT